Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Mejju 2018
(OR. en)**

**7663/18**

**LIMITE**

**WTO 55
SERVICES 11
FDI 11
COASI 73**

PUBLIC

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Awstralja għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/…**

**ta'**

**li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati mal-Awstralja għal Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Awstralja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mal-Awstralja.

2. In-negozjati għandhom isiru fuq il-bażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stipulati fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi …,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*